A.L. 13 tal-2019

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2019 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra, il-Prim Ministru, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2019 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra, u għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019.

Reviżjoni tas-salarju tal-President. Kap. 186.

2. Għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarji stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra, salarju skond l-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordni, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra. Kap. 186.

3. Għandu jitħallas lid-detenut tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Ordni, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra, is-salarju fis-sena rispettivament speċifikat għal din il-kariga fit-tieni kolonna tat-Tieni Skeda.

L-EWWEL SKEDA
(Artikolu 2)

	2019	
	Paga Bażika	Għotja ta' Flus
President ta' Malta.....	€63,706	€495

IT-TIENI SKEDA
(Artikolu 3)

	2019	
	Paga Bażika	Għotja ta' Flus
Avukat Ġenerali.....	€61,602	€478